Nru./No. 18,996
Prezz/Price
€3.60

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 4 ta' Diċembru, 2012
Tuesday, 4th December, 2012

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,507 - 13,522
Government Notices ..... *13,507 - 13,522*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 13,522 - 13,523
Employment Opportunities ..... *13,522 - 13,523*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,523 - 13,525
Notices ..... *13,523 - 13,525*

Offerti ..... 13,526 - 13,566
Tenders ..... *13,526 - 13,566*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,566 - 13,582
Court Notices ..... *13,566 - 13,582*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1206

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XXI tal-2012 imsejjaħ l-Att tal-2012 dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni.

L-4 ta' Diċembru, 2012

Nru. 1207

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 127 imsejjaħ l-Att tal-2012 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni.

L-4 ta' Diċembru, 2012

Nru. 1208

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,992 u 18,995 tas-27 u tat-30 ta' Novembru, 2012, rispettivament.

A.L. Nru. 410 tal-2012: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ordni tal-2012 dwar l-Akkademja tal-Arti ta' Malta.

A.L. Nru. 411 tal-2012: Ordinanza dwar il-Pensonijiet (Kap. 93) Ordni tal-2012 dwar l-Impjieg mal-Kulleġġi tal-Iskejjel tal-Istat għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet.

A.L. Nru. 412 tal-2012: Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu Magħha (Kap. 31) Regolamenti tal-2012 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Emenda Nru. 2).

GOVERNMENT NOTICES

No. 1206

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XXI of 2012 entitled the Embryo Protection Act, 2012.

4th December, 2012

No. 1207

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 127 entitled the Education (Amendment) Act, 2012.

4th December, 2012

No. 1208

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,992 and 18,995 of the 27th and the 30th November, 2012, respectively.

L.N. No. 410 of 2012: Education Act (Cap. 327); Malta Academy for the Arts Order, 2012.

L.N. No. 411 of 2012: Pensions Ordinance (Cap. 93) Pensions Ordinance (Employment with Colleges of State Schools) Order, 2012.

L.N. No. 412 of 2012: Medical and Kindred Professions Ordinance (Cap. 31) Medical Kindred Professions Ordinance (Amendment of Third Schedule) (No. 2) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 413 tal-2012: Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu Magħha (Kap. 31) Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Emenda Nru. 2).

L.N. No. 413 of 2012: Medical and Kindred Professions Ordinance (Cap. 31) Drugs Control (Amendment) (No. 2) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 414 tal-2012: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) Regolamenti tal-2012 dwar Kodiċi ta' Etika u ta' Prattika għall-Għalliema.

L.N. No. 414 of 2012: Education Act (Cap. 327) Teachers (Code of Ethics and Practice) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 415 tal-2012: Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10) Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pellikoli u l-Palk.

L.N. No. 415 of 2012: Code of Police Laws (Cap. 10) Cinema and Stage (Amendment) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 416 tal-2012: Att dwar il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti (Kap. 444) Regolamenti tal-2012 dwar il-Klassifikazzjoni tal-Età dwar il-Pellikoli u l-Palk.

L.N. No. 416 of 2012: Malta Council for Culture and the Arts Act (Cap. 444) Cinema and Stage Age-Classification Regulations, 2012.

A.L. Nru. 417 tal-2012: Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (Kap. 456) Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Reglamenti dwar Trattament Indaqs fl-Aċċess u l-Provvista ta' Oġġetti u Servizzi.

L.N. No. 417 of 2012: Equality of Men and Women Act (Cap. 456) Access to Goods and Services and their Supply (Equal Treatment) (Amendment) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 418 tal-2012: Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) Regolamenti tal-2012 li jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

L.N. No. 418 of 2012: Value Added Tax Act (Cap. 406) Value Added Tax Act (Amendment of Second Schedule) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 419 tal-2012: Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

L.N. No. 419 of 2012: Value Added Tax Act (Cap. 406) Value Added Tax Act (Amendment of Fourth Schedule) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 420 tal-2012: Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) Regolamenti tal-2012 li jemendaw is-Seba' Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

L.N. No. 420 of 2012: Value Added Tax Act (Cap. 406) Value Added Tax Act (Amendment of Seventh Schedule) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 421 tal-2012: Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) Regolamenti tal-2012 li jemendaw l-Għaxar Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

L.N. No. 421 of 2012: Value Added Tax Act (Cap. 406) Value Added Tax Act (Amendment of Tenth Schedule) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 422 tal-2012: Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) Regolamenti tal-2012 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

L.N. No. 422 of 2012: Value Added Tax Act (Cap. 406) Value Added Tax Act (Amendment of Eleventh Schedule) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 423 tal-2012: Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) Regolamenti tal-2012 li jissostitwixxu t-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

L.N. No. 423 of 2012: Value Added Tax Act (Cap. 406) Value Added Tax Act (Substitution of Twelfth Schedule) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 424 tal-2012: Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) Regolamenti tal-2012 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

L.N. No. 424 of 2012: Value Added Tax Act (Cap. 406) Value Added Tax Act (Amendment of Fourteenth Schedule) Regulations, 2012.

A.L. Nru. 425 tal-2012: Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) Regolamenti tal-2012 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2).

L.N. No. 425 of 2012: Value Added Tax Act (Cap. 406) Value Added Tax Act (Amendment of Fourteenth Schedule) (Amendment No. 2) Regulations, 2012.

L-4 ta' Diċembru, 2012

4th December, 2012

Nru. 1209

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA, KONSULTAZZJONI PUBBLIKA U L-FAMILJA

Ħatra ta' Direttur (Strateġija tal-Pensjonijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Mark L. Musù, D.P.A., C.I.M.C., bħala Direttur (Strateġija tal-Pensjonijiet) fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja b'seħħ mid-19 ta' Novembru, 2012.

L-4 ta' Diċembru, 2012

No. 1209

MINISTRY FOR JUSTICE, DIALOGUE AND THE FAMILY

Appointment of Director (Pensions Strategy)

IN exercise of the powers vested in him by Article 110 of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Mark L. Musù, D.P.A., C.I.M.C., as Director (Pensions Strategy) within the Ministry for Justice, Dialogue and the Family with effect from 19th November, 2012.

4th December, 2012

Nru. 1210

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI U REĠISTRATUR (QRATI U TRIBUNALI TA' GĦAWDEX)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1210

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL AND REGISTRAR (GOZO COURTS AND TRIBUNALS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice, Dialogue and the Family has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Frankie Mercieca	Direttur Ġenerali u Reġistratur, Qrati u Tribunali Għawdex. *Director General and Registrar, Gozo Courts and Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja (Għawdex) *Courts of Justice (Gozo)*	3 - 9.12.2012

L-4 ta' Diċembru, 2012

4th December, 2012

Nru. 1211

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi

SKONT id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4 (1) (e); 4 (1) (f); 21 (2); 21 (5) u tal-paragrafu (e) tas-sub-regolament (1) tar-regolament 9 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Avviż Legali 79 tal-2006) u sodisfatt li ma teżisti l-ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti, il-Ministru qiegħed b'dan jawtorizza ż-żamma

No. 1211

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Conservation of Wild Birds Regulations, 2006

IN accordance with the provisions of regulation 4 (1)(e); 4 (1) (f); 21 (2); 21 (5) and of paragraph (e) of sub-regulation (1) of regulation 9 of the Conservation of Wild Birds Regulations, 2006 (Legal Notice 79 of 2006) and being satisfied that there exists no other satisfactory solution, the Minister hereby authorizes the keeping and possession of

u l-pussess ta' speċi ta' għasafar mejtin ta' għasafar li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li mhumiex elenkati fl-Iskedi II jew III tar-regolamenti msemmija hawn fuq u l-ibbalzmar ta' speċi ta' għasafar li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li mhumiex elenkati fl-Iskeda III tal-istess regolamenti, mill-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali (NMNH) mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni, jiġifieri l-4 ta' Diċembru, 2012 sat-3 ta' Diċembru, 2013, iż-żewġ dati inklużi, taħt dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttur tal-Ambjent.

(2) Minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttur, il-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali (NMNH) qed jingħata din l-awtorizzazzjoni taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorizzazzjoni hija valida biss għall-iskop ta' riċerka xjentifika u għal skopijiet edukattivi;

(b) l-awtorizzazzjoni hija valida biss għall-kampjuni mejtin in parti jew fit-total tagħhom;

(c) iż-żamma, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ, skambju, kummerċ, wirja, wiri għall-pubbliku għal skopijiet kummerċjali jew trasport għall-bejgħ ta' kampjuni li ma jikklassifikawx taħt l-Iskeda III għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora;

(d) reġistru aġġornat ta' kull kampjun ta' speċi li ma jikklassifikax taħt l-Iskeda III li jilħqu l-NMNH għandu jinżamm mill-NMNH. Dan ir-reġistru għandu jindika l-oriġini ta' kull kampjun u d-destin tiegħu;

(e) kull kampjun akkwistat li jkun ta' speċi li ma jikklassifikax taħt l-Iskeda III għandu jiġi mmarkat b'*tag* tal-MEPA li għandu jkun unikament immarkat fi żmien tliet xhur mid-data tal-akkwist;

(f) ebda kampjun m'għandu jiġi misluħ, imnaddaf, ibbalzmat, immontat jew ittrattat b'mod kimiku għal skopijiet ta' bbalzmar qabel ma jiġu immarkati b'*tag* tal-MEPA li jkun unikament markat;

(g) kull persuna kkummissjonata mill-NMNH biex twettaq attivitajiet ta' bbalzmar għall-iskop ta' din id-deroga teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-MEPA.

(h) l-ebda attività ta' bbalzmar m'għandha tiġi mwettqa minn kwalunkwe persuna awtorizzata fuq kwalunkwe post ħlief dak miftiehem minn qabel mill-NMNH u l-MEPA.

(i) kull kampjun akkwistat li ma jikklassifikax taħt l-Iskeda III għandu jiġi ttrasferit jew inkella disponut biss fuq l-awtorizzazzjoni bil-miktub tad-Direttur.

(j) rapport annwali li jiġbor l-informazzjoni kollha hawn fuq imsemmija u l-informazzjoni dwar attivitajiet imwettqa mill-NMNH rigwardanti l-kampjuni pertinenti għandu jiġi sottomess lill-MEPA fi żmien xahrejn mill-bidu tas-sena sussegwenti.

L-4 ta' Diċembru, 2012

dead bird specimens of naturally occurring birds in the wild state in the European territory of the Member States of the European Union that are not listed in Schedule II or III of the aforementioned regulations and taxidermy of bird species of naturally occurring birds in the wild state in the European territory of the Member States of the European Union that are not listed in Schedule III of the same regulations, by the National Museum of Natural History (NMNH) from the date of publication of this Notice, namely 4th December, 2012 until the 3rd Decemnber, 2013 (both dates inclusive) under those conditions established by the Director of Environment.

(2) Further to the conditions set by the Director the National Museum of Natural History (NMNH) is being granted such authorisation under the following conditions:

(a) the authorisation is valid only for the purpose of scientific research and for educational purposes;

(b) the authorisation is valid only for dead specimens in whole or in part;

(c) the keeping, sale or offering for sale, exchange, trade, exhibition, display to the public for commercial purposes or transporting for sale of non-Schedule III specimens shall be without prejudice of the Trade in Species of Fauna and Flora Regulations of 2004;

(d) an up-to-date register of all specimens of non-schedule III species reaching the NMNH is to be maintained by the NMNH. This register shall indicate the origin of each specimen and its fate;

(e) each specimen of non-schedule III species acquired is to be tagged with a uniquely marked MEPA tag within 3 months from the date of acquisition;

(f) no specimen shall be skinned, cleaned, stuffed, mounted or treated chemically for taxidermy purposes prior to being tagged with a uniquely marked MEPA tag;

(g) any person commissioned by the NMNH to carry out taxidermy practices for the purpose of this derogation shall require prior authorisation from MEPA.

(h) no taxidermy practices shall be carried out by any authorised person on any premises other than that agreed upon before by NMNH and MEPA.

(i) each acquired non-Schedule III specimen shall only be transferred or otherwise disposed of upon the written authorization of the Director.

(j) an annual report collating all of above-mentioned information and information about activities undertaken by the NMNH with respect to the pertinent specimens is to be submitted to MEPA within two months from the start of the subsequent year.

4th December, 2012

Nru. 1212

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent. Id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se jżid informazzjoni ġdida u li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Applikazzjoni Nru. PA 06677/07
Post: Fenech Ready Mix Plant, Triq Ħal Tarxien, Ħal Għaxaq, Malta.
Proposta: Bidla fl-użu minn *ready mix concrete batching* plant għal faċilità ta' appoġġ għall-*fish farm* inkluż kostruzzjoni ta' *plant rooms*, imħażen, *workshop*, uffiċċji u blokk għar-riċerka.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kienet sottomessa lill-Awtorità fl-14 ta' Awissu 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-29 ta' Ottubru 2012.

No. 1212

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts. The Director of Environment Protection agrees that the proposed does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same regulations the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Application Number: PA 06677/07
Location: Fenech Ready Mix Plant, Triq Ħal Tarxien, Ħal Għaxaq, Malta.
Proposal: Change of use of a ready mix concrete batching plant into a fish farm support facility, including construction of plant rooms, stores, workshop, offices and research block.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 14th August 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 29th October 2012.

Impatti potenzjali ***Potential Impact***	**Rimarki** ***Remarks***
Ħolqien ta' skart	Il-proġett se jiġġenera l-iskart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, se jinħoloq skart inert, madankollu l-kwantitajiet x'aktarx li jkunu żgħar. Matul l-operat, ħa jiġi ġġenerat l-iskart mill-ipproċessar tal-ħut u li jinkludi fdalijiet tal-ħut u demm. L-iskart kollu ġġenerat se jintrema skont il-parametri tal-Wasteserv, u għandu jkun jew inċinerat (skart bħal dan għandu jinżamm fi kmamar kesħin taħt l-art u ffriżat) jew mormi f'sit ċiviku. Materjal/skart perikoluż m'għandux jinħażen fuq il-post, u se jiġi regolat permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali.
Waste generation	*The project will generate waste during both construction and operation. During the construction phase, inert waste will be generated however quantities are likely to be minimal. During operation, waste from fish processing shall be generated which includes fish remains and blood.*

All waste generated will be disposed in accordance with Wasteserv parameters, and shall either be incinerated (such waste shall be kept in underground cold rooms and frozen) or disposed in a civic amenity site. Hazardous material/waste is not to be stored on site and will be regulated through an environmental registration.

Impatt fuq il-kwalità tal-arja

Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet waqt it-tindif u t-tħaffir tas-sit, u li se jkun hemm xi emissjonijiet ta' NOx mill-inġenji. Madankollu, l-ebda impatt sinifikanti m'hu mistenni dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 ta' 2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, se jinħolqu emissjonijiet ta' NOx mit-traffiku operattiv, iżda minħabba l-iskala tal-proġett, mhux mistenni li l-proposta tiġġenera ammonti sinifikanti ta' traffiku. Jistgħu jkun hemm irwejjaħ waqt l-ipproċessar tal-ħut iżda dawn jistgħu jittaffew biżżejjed permezz ta' disinjar xieraq tal-impjant, ġestjoni xierqa tal-iskart u permess tal-operat.

Impact on air quality

During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and NOx from construction vehicles are expected. However, no significant impact is envisaged as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation, NOx will be generated by operational traffic but given its scale, the proposal will not generate significant amounts of traffic. Odours may be generated from the fish processing, however these can be sufficiently mitigated through proper plant design, adequate waste management and an operational permit.

Storbju u vibrazzjonijiet

L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Matul l-operat mhux mistenni li l-istorbju u l-vibrazzjonijiet ikunu sinifikanti meta jitqies it-tip ta' proġett. Il-kmamar ta' refriġerazzjoni se jkunu taħt l-art.

Noise and vibrations

Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operations, noise and vibration are not expected to be significant given the type of project. Refrigeration rooms will be located underground.

Impatti fuq il-wirt kulturali

L-iżvilupp propost jinsab biswit il-kappella ta' Santa Luċija, li hija skedata bħala binja tal-Ewwel Grad skond in-Notifika tal-Gvern numru 628 ta' l-2008. Għalhekk, ix-xogħlijiet ta' bini u skavar għandhom ikunu ġestiti bil-galbu sabiex jiġu evitati impatti negattivi fuq il-kappella, u tinħtieġ ukoll konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Barra minn hekk, l-impatt viżiv tal-proġett fuq il-kappella għandu jkun indirizzat bħala parti mill-proċess tal-permess għall-iżvilupp.

Impact on cultural heritage

The proposed development is adjacent to the Santa Luċija chapel which is a scheduled Grade 1 building as per Government Notice 628 of 2008. Therefore, construction/excavation works should be carefully managed to avoid negative impacts on the chapel, and consultation with the Superintendence of Cultural Heritage is also required. Furthermore, the visual impact of the project on the chapel needs to be addressed as part of the development permitting process.

Impatt permezz ta' dawl

Matul il-lejl, huma mistennija emissjonijiet ta' dawl aktar minn dawk li diġà hemm bħalissa. Madankollu, dawn jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' lampi li jixħtu d-dawl 'l isfel, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal livelli minimi.

Light pollution

During night time, light emissions above the current baseline situation are expected. Nevertheless, these may be reduced through the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

L-4 ta' Diċembru, 2012

4th December, 2012

Nru. 1213

PROSPETT

VALUR NOMINALI TA' EURO 150,000,000 F'WIEĦED JEW AKTAR MILL-I*STOCKS* TAT-3.75% *STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2017 (IV) *FUNGIBILITY ISSUE*, U TAT-3.85% *STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2018 (V) BI BDIL FUQ BAŻI TA' PREZZ TAX-XIRI B'IRKANT MIT-3.60% *STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2013 (IV)

Awtorizzat skont l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161

1. BDIL TA' *STOCK*

a) L-*Accountant General* jilqa' offerti b'irkant minn detenturi ta' *Stock* fit-3.60 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) (is-*source stock*) sabiex jibdlu t-titolu tagħhom f'xi wieħed jew aktar mill-i*Stocks* tat-3.75 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) *Fungibility Issue* u 3.85 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) (id-*destination stocks*) sa valur nominali massimu ta' Euro 150,000,000.

b) Il-bdil tal-i*stock* ta' 3.60 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) (is-*source stock*) isir b'kundizzjoni li dawn ikunu ħielsa minn kull forma ta' garanzija, rahan jew xkiel ieħor, u li l-investitur iċedi d-drittijiet kollha li hemm jew li 'l quddiem jista' jkun hemm marbuta ma' dan l-i*stock*.

ċ) It-Teżor iħassar l-ammonti (nominali) fit-3.60% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) li jixtri permezz ta' bdil fuq bażi ta' xiri b'irkant fid-data tal-konklużjoni tat-transazzjoni.

2. TERMINI TAL-BDIL (IPPREZZAR)

l-*Accountant General* iħabbar il-*clean price* fiss għall-istock tat- 3.60 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) (is-*source stock*) nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Diċembru, 2012. Minn naħa tad-detenturi tal-i*stock* huma mitluba li jissottomettu offerti fil-forma ta' *clean price* għall-i*stock*s tat- 3.75 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) *Fungibility Issue* u/jew tat-3.85 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) (id-*destination stocks*), flimkien ma' l-ammont nominali tas-*source stock* li huma lesti jibdlu għal kull prezz tax-xiri offrut f'ammonti nominali ta' €500,000 kif indikat f'paragrafi 3 (b) u f'ammonti nominali ta' €250,000 kif indikat f'paragrafu 3 (ċ).

3. OFFERTI

a) Applikazzjonijiet magħmulin f'offerti b'irkant jiftħu t-Tnejn, 10 ta' Diċembru, 2012 fit-8.30 a.m. u jagħlqu t-Tlieta,

No. 1213

PROSPECTUS

EURO 150,000,000 (NOMINAL) IN ANY ONE OR ANY COMBINATION OF 3.75% MALTA GOVERNMENT STOCK 2017 (IV) FUNGIBILITY ISSUE, AND 3.85% MALTA GOVERNMENT STOCK 2018 (V) AVAILABLE FOR EXCHANGE BY AUCTION ON A BID PRICE BASIS THROUGH CONVERSION OF 3.60% MALTA GOVERNMENT STOCK 2013 (IV)

Authorised under the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161

1. EXCHANGE OF STOCK

a) The Accountant General invites bids by stockholders of 3.60% Malta Government Stock 2013 (IV) (hereafter also called the *source stock*) to switch their holdings into any one or any combination of 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) Fungibility Issue and 3.85% Malta Government Stock 2018 (V), (hereafter also called the *destination stocks*) up to Euro 150,000,000.

b) Switches of holdings of 3.60% Malta Government Stock 2013 (IV) (the *source stock*) will be on the condition that they are surrendered free from all pledges, liens, charges and encumbrances and with all the rights now or hereafter attaching to them.

c) The Treasury shall cancel the amounts (nominal) of 3.60% Malta Government Stock 2013 (IV) it buys in through this switch auction on the day of settlement.

2. TERMS OF EXCHANGE (PRICING)

The Accountant General will announce a fixed clean price for 3.60% Malta Government Stock 2013 (IV) (the *source stock*) on Friday, 7th December, 2012. Competitive (multiple-price) bids are invited on a clean price basis for the 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) Fungibility Issue and/or the 3.85% Malta Government Stock 2018 (V) (the destination stocks), together with the amount of *source stock* bidders are willing to switch in units of €500,000 (nominal) for every bid price as indicated at paragraph 3(b) and in amounts of €250,000 (nominal) at every bid price as indicated at paragraph 3(c).

3. BIDS

a) Applications in the form of sealed bids (auction) open at 8.30 a.m. on Monday, 10th December, 2012 and close at

11 ta' Diċembru, 2012 fis-2.00 p.m., jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni tal-*Accountant General*.

b) Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, iridu jkunu magħmulin f'offerti għal minimu u multipli ta' €500,000 kull waħda.

ċ) Applikazzjonijiet sottomessi f'isem *Nominee* a/c u/jew *Clients* a/c jridu jkunu magħmulin f'offerti b'irkant għal minimu ta' €250,000 jew aktar. Applikazzjonijiet li jsiru f'isem *Nominee* a/c u/jew *Clients* a/c jiġu aċċettati jekk dawn ikollhom magħhom lista bin-numru tal-karta tal-identità, jew fil-każ ta' korp ġuridiku, in-numru tal-identità relevanti tal-klijenti tagħhom.

d) Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tat-Teżor, Floriana jew jintbagħtu fuq fax 2596 7210 jew permezz ta' *e-mail* fl-indirizzi indikati fuq il-formola tal-applikazzjoni.

e) Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mingħand il-membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati, jew jistgħu jitniżżlu wkoll min fuq il-website tat-Teżor (www.treasury.gov.mt).

f) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin tal-għeluq.

4. *POLICY* DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*

L-allokazzjoni tal-i*Stock* issir kif ġej:

a) L-offerti jkunu ikklassifikati skont il-*clean bid price* offrut għal kull *Stock* tat- 3.75 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) *Fungibility Issue* u tat-3.85 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) (id-*destination stocks*) u jibdew mill-ogħla sal-anqas prezz. Jiġu aċċettati u allokati dawk l-offerti li l-prezz tagħhom ikun 'il fuq jew daqs il-prezz li l-*Accountant General* jiddeċiedi li jkun l-inqas prezz aċċettabbli (il-*lowest accepted price*).

b) Id-detenturi tal-i*stock* tat-3.60 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) (is-*source stock*), u li joffru l-ogħla *clean bid price* għad-*destination stocks*, ikollhom l-applikazzjoni milqugħha l-ewwel. Dawk l-offerti li jkunu daqs il-*lowest accepted price* ikunu allokati proporzjonalment skont l-ammont tas-*source stock* offrut.

ċ) L-offerti li jkunu aċċettati b'mod sħiħ jiġu allokati ammont ta' *Stock* tat-3.75 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) *Fungibility Issue* u/jew *Stock* tat-3.85 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) (id-*destination stocks*) skont is-*switch ratio* ikkalkulat kif ġej: il-*clean price* fiss magħdud mal-imgħax akkumulat tal-i*Stock* tat-3.60 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) (is-*source stock*) hekk kif imħabbar mill-*Accountant*

2.00 p.m. on Tuesday, 11th December, 2012 or earlier at the discretion of the Accountant General.

b) Applications by any single bidder shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of €500,000 each.

c) Applications submitted in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' must be in the form of sealed bids for a minimum amount of €250,000 or more. Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' will only be accepted if accompanied by a list showing the identity card number, or in case of a body corporate, the relevant identification number of their respective clients.

d) Bids on the prescribed application forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 2596 7210 or by e-mail at the e-mail addresses indicated on the application form.

e) Application forms may be obtained from all Members of the Malta Stock Exchange, other authorised Investment Service Providers or downloaded from Treasury's website at (www.treasury.gov.mt).

f) All applications by bids will be irrevocable after closing time.

4. ALLOTMENT POLICY

Allocation of Stock will be made in the following manner:

a) Bids will be ranked in descending order of clean bid price for each of the 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) Fungibility Issue and the 3.85% Malta Government Stock 2018 (V) (the *destination stocks*) and accepted bids for each stock will be allotted to bidders whose bid prices are at, or above, the lowest price at which the Accountant General decides that any bid should be accepted (the lowest accepted price).

b) Stockholders of the 3.60% Malta Government Stock 2013 (IV) (the *source stock*) with the highest clean bid prices for the *destination stocks* will have their bids accepted first. Bids at the lowest accepted bid price by more than one bidder will be allotted in proportion to the amount of corresponding *source stock* bid.

c) Bidders whose bids are accepted in full will be allocated amounts of 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) Fungibility Issue and/or 3.85% Malta Government Stock 2018 (V) (*destination stocks*) according to the switch ratio calculated as follows: the fixed clean price *plus* accrued interest of 3.60% Malta Government Stock 2013 (IV) (the *source stock*) as announced by the Accountant General on

General nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Diċembru, 2012, jiddividi ruħu bil-*clean bid price* magħdud miegħu l-imgħax akkumulat tad-*destination stocks*. Dan ir-*ratio* ikun aġġustat għal tliet figuri deċimali, u jiġi multiplikat ma' l-ammont nominali tas-*source stock* li l-applikant indika li lest jibdel għal kull prezz ta' *destination stock* offrut (jew, fejn applikabbli, r-*ratio* ikun muliplikat mal-porzjon ta' l-ammont li l-applikant indika li lest jibdel meta l-prezz offrut kien daqs il-*lowest accepted price*). Dan l-ammont ikun suġġett għal tnaqqis proporzjonali.

d) L-ammont tal-i*Stock* li jiġi allokat lill-applikanti, jiġi mgħarraf sagħtejn wara immedjatament il-ħin tal-għeluq tal-offerti b'irkant.

5. ĦLAS TA' DIVIDENDI (L-IMGĦAX)

a) (i) Waqt il-kors tat-3.75 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) (id-*destination stock*) id-*dividend* (l-imgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura fl-20 ta' Frar u fl-20 ta'Awwissu ta' kull sena.

(ii) L-ewwel ħlas ta' mgħax għall-perjodu bejn l-20 ta' Awwissu, 2012 u d-19 ta' Frar 2013 (iż-żewġ dati inklużi) jsir bir-rata ta' 1.875 fil-mija fl-20 ta' Frar, 2013.

b) (i) Waqt il-kors tat-3.85 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) (id-*destination stock*) id-*dividend* (l-imgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-18 ta' April u fit-18 ta' Ottubru ta' kull sena.

(ii) L-ewwel ħlas ta' mgħax għall-perjodu bejn it-18 ta' Ottubru, 2012 u s-17 ta' April, 2013 (iż-żewġ dati inklużi) jsir bir-rata ta' 1.925 fil-mija fit-18 ta' April, 2013.

ċ) Ħlas ta' *dividend* (mgħax) isir skont kif indikat fuq il-formola tal-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

6. *SETTLEMENT*

a) L-offerti li jkunu aċċettati ikunu sistemati nhar it-12 ta' Diċembru 2012.

b) L-imgħax akkumulat fuq l-i*stock* tat-3.60 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) (is-'*source stock*') ikun ikkalkulat skont in-numru ta' ġranet bejn it-18 ta' Ottubru, 2012 (l-aħħar data meta tħallas l-imgħax dovut fuq dan l-i*stock*) u l-11 ta' Diċembru 2012 (iż-żewġ dati inklużi).

ċ) L-imgħax dovut fuq l-i*stock* tat-3.75 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) *Fungibility Issue* (id-'*destination stock*') ikun ikkalkulat skont in-numru ta' ġranet bejn l-20

Friday, 7th December, 2012 divided by the clean bid price *plus* accrued interest for the *destination stocks*. This switch ratio, rounded to three decimal places, will be multiplied by the nominal amount of *source stock* the bidder is willing to exchange at each bid price for the destination stocks (or, where applicable, the portion of the amount the bidder is willing to switch at the lowest accepted bid price), which amount is subject to any applicable scaling factor.

d) The allotment result of the Stock to bidders will be determined and announced within two hours immediately after the closing time of applications by auction.

5. PAYMENT OF DIVIDENDS (INTEREST)

a) (i) During the tenor of the 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) (*the destination stock*) dividends (interest) will be paid half yearly in arrears on 20th February and 20th August in every year.

(ii) The first dividend (interest) payment covering the period from the 20th August, 2012 to the 19th February, 2013 (both dates inclusive) shall be made at the rate of 1.875% on the 20th February, 2013.

b) (i) During the tenor of the 3.85% Malta Government Stock 2018 (V) (*the destination stock*) dividends (interest) will be paid half yearly in arrears on 18th April and 18th October in every year.

(ii) The first dividend (interest) payment covering the period from the 18th October, 2012 to the 17th April, 2013 (both dates inclusive) shall be made at the rate of 1.925% on the 18th April, 2013.

c) Payment of dividend (interest) shall be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

6. SETTLEMENT

a) Settlement of successful bids shall be effective on 12th December, 2012.

b) The accrued dividend (interest) on the 3.60% Malta Government 2013 (IV) ('*source stock*') will be based on the number of days between the period from 18th October, 2012 (last dividend/interest payment date of the stock) to 11th December, 2012 (both dates inclusive).

c) The accrued dividend (interest) on the 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) ('*destination stock*') will be based on the number of days between the period

ta' Awwissu, 2012 u l-11 ta' Diċembru, 2012 (iż-żewġ dati inklużi).

d) L-imgħax dovut fuq l-i*stock* tat-3.85 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) (id-'*destination stock*') ikun ikkalkulat skont in-numru ta' ġranet bejn it-18 ta' Ottubru, ,2012 u l-11 ta' Diċembru, 2012 (iż-żewġ dati inklużi).

7. FAĊILITAJIET TA' *CLEARING*

a) ***Maltaclear***

Clearing u konklużjoni ta' operazzjonijiet fl-i*Stocks* tal-Gvern ta' Malta negozjati fuq il-*Malta Stock Exchange Trading System* isiru permezz tal-*Malta Clear* skont Kapitolu 7 tal-*Bye-Laws* tal-Borża ta' Malta.

b) ***Clearing (FOP)* Permezz tal-*Clearstream – MSE Access Link***

(i) Applikanti jistgħu jagħmlu użu mill-faċilita' ta' *clearing* ***(FOP)*** permezz tal-***Malta Stock Exchange plc (MSE) – Clearstream Banking AG – Franfurt (CBF) Access Link***, direttament bħala klijenti ta' *CBF* jew *Clearstream Banking SA, Luxembourg (CBL)* jew indirettament billi jkunu jistgħu jagħmlu *clearing* permezz ta' *CBF*/*CBL via* Depożitarju Ċentrali tat-Titoli ieħor jew Depożitarji Ċentrali Internazzjonali (*CS*/*ICSD* oħra) magħquda ma' CBF/CBL.

(ii) L-*Accountant General* jannulla kull allokazzjoni ta' *Stock* lil kull istituzzjoni li tiddikjara li tkun klijenta ta' *CBF*/*CBL* jew b'xi mod ieħor tkun tista' tagħmel '*clearing*' permezz ta' *CBF*/*CBL* li iżda għal xi raġuni tkun irrifjutata mill-*Clearstream* waqt il-proċess ta' reġistrazzjoni. La darba s-sottoskrizzjoni tiġi rrifjutata, l-applikant għandu jitqies li żamm id-drittijiet kollha (*status quo ante*) fl-i*Stock* tat-3.60 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV).

8. *FUNGIBILITY*

L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali tal-i*stock* tat-3.75 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) u tat-3.85 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) fi *tranches* oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dan, dawn għandhom jiġu integrati mal-i*Stock* eżisenti.

9. *UNDERISSUANCE*

L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jaċċetta l-applikazzjonijiet għall-ammont sħiħ jew parti minnhom u li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha għal kull raġuni li

commencing from 20th August, 2012 up to and including the 11th December, 2012.

d) The accrued dividend (interest) on the 3.85% Malta Government Stock 2018 (V) ('*destination stock*') will be based on the number of days between the period commencing from 18th October, 2012 up to and including the 11th December, 2012.

7. CLEARING FACILITIES

a) **MaltaClear**

Clearing and settlement of transactions in Malta Government Stocks traded on the Malta Stock Exchange Trading System are effected through MaltaClear in accordance with Chapter 7 of the Malta Stock Exchange Bye-Laws.

b) **Clearing (FOP) through Clearstream – MSE Access Link**

(i) Applicants may also avail of the clearing facility (FOP) provided through the **Malta Stock Exchange plc (MSE) – Clearstream Banking AG – Frankfurt (CBF) Access Link** as direct customers of CBF or Clearstream Banking SA, Luxembourg (CBL), or indirectly by being capable of clearing through CBF/CBL via another central securities depository or international central securities depository ('other CS/ICSD') linked to CBF/CBL.

(ii) The Accountant General shall cancel any allotment of stock to any institution claiming to be CBF/CBL customers or otherwise capable of clearing via CBF/CBL, but which are rejected by Clearstream for any reason whatsoever in the process of registration. Once a subscription is rejected the applicant will be deemed to have maintained all the *status quo ante* rights in the holdings of the 3.60% Malta Government Stock 2013 (IV).

8. FUNGIBILITY

The Accountant General reserves the right to issue in future, additional amounts of the 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) and the 3.85% Malta Government Stock 2018 (V) in further tranches. In the event of such further issues these will be integrated with the respective existing Stock.

9. UNDERISSUANCE

The Accountant General reserves the right to accept bids for the full amount on offer at the auction or any part thereof and to reject any bid or part thereof on any grounds

jidhirlu xierqa minkejja li l-ammont li jittieħed ikun anqas mill-ammont offrut. L-*Accountant General* jista' anke jiddeċiedi li ma jibdel l-ebda ammont ta' *stock*.

10. FIDWA TA' *STOCK*

a) It-3.75 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) għandu jiġi mifdi b'parita' fl-20 ta' Awwissu, 2017.

b) It-3.85 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) għandu jiġi mifdi b'parità fit-18 ta' April, 2018.

11. SIGURTÀ

Il-ħruġ tat-3.75 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) *Fungibility Issue* u tat-3.85 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) u d-*dividend* (mgħax) fuqhom jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

12. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA

Skont l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap.345, saret applikazzjoni għand il-*Listing Authority* biex l-i*stock* tat-3.75 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) *Fungibility Issue* u tat-3.85 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) maħruġa għal din l-offerta ta' bdil b'irkant jiġu ammessi fuq il-Lista Uffiċċjali tal-Borża ta' Malta.

13. GĦAQDA TAL-I*STOCK FUNGIBLE*

Fl-20 ta' Frar, 2013, wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri f'paragrafu 5 (a) (ii) kull ammont allokat fit-3.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) *Fungilbility Issue* jiġi maqgħud mal-ħruġ eżistenti tat-3.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) u wara jitqies bħala *Stock* wieħed.

14. LEĠIŻLAZZJONI RELATTIVA

L-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161, id-Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment taħt l-artikoli 31 (a) u (b) u artikolu 32 tal-Ordinanza msemmija, u r-Regolamenti tal-1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat).

Nota: Il-valur tal-investiment jista jitla' u/jew jinżel matul iż-żmien li l-i*stock* ikun fis-suq.

whatsoever, notwithstanding that the amount on offer has not been taken up. The Accountant General may also decide not to switch any of the stock.

10. REDEMPTION OF STOCK

a) The 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) shall be redeemed at par on the 20th August, 2017.

b) The 3.85% Malta Government Stock 2018 (V) shall be redeemed at par on the 18th April, 2018.

11. SECURITY

The issuance of the 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) Fungibility Issue and the 3.85% Malta Government Stock 2018 (V) and dividend (interest) thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

12. TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE

Pursuant to the Financial Markets Act, Cap. 345, an application has been submitted to the Listing Authority for the 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) Fungibility Issue and the 3.85% Malta Government Stock 2018 (V) issued for this offer of exchange by auction to be admissible to listing and to the Malta Stock Exchange for these bonds to be admitted to its Official List.

13. MERGER OF FUNGIBILITY ISSUE

On the 20th February, 2013, after the payment of the first dividend (interest) as indicated in paragraph 5 (a) (ii) any amount allotted under the 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) Fungibility Issue will be merged with the existing issue of the 3.75% Malta Government Stock 2017 (IV) and thereafter shall be deemed to be one Stock.

14. RELEVANT LEGISLATION

The Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, (Cap. 161), the Directive by the Minister of Finance, the Economy and Investment under articles 31 (a) and (b) and article 32 of the said Ordinance, and the Local Loans (Registered Stock) Regulations, 1959.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenor of the Stock.

Nru. 1214

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10), il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fin-Naxxar, hawn taħt elenkata u speċifikata f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1214

RENUMBERING OF DOORS AT IN-NAXXAR

IN exercise of the powers conferred by Section 115 of the Code of Police Laws (Chapter 10), the Minister for Resources and Rural Affairs has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at In-Naxxar, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

IN-NAXXAR

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Andrea Debono

Left side entering from Triq Andrea Debono

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	1
Sit bla bini	3
Sit bla bini	5
Sit bla bini	7
Sit bla bini	9
Bel	11
Garaxx	13
Garaxx	15
L'Unita	17
Garaxx	19

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Andrea Debono

Right side entering from Triq Andrea Debono

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb	2
Flattijiet	4
Dar	6
Dar	8
Dar	10
Garaxx	12
Heaven's View	14
Dar	16
Dar	18
Lavander	20
Dar	22
Solace	24
Calm Waters	26
Aurora	28
Ocean's 11	30
Daħla għall-garaxxijiet	32
Santorini	34
Chesapeake	36
Bijou	38
Windrush Court	40
Daħla għall-garaxxijiet	42

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
		Serenity	44
		Caesalpina Court	46
		Dar	48

TRIQ WIED ANĠLU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Mark

Left side entering from Triq San Mark

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Acacia	1
Garaxx	3
Dar	5
Stella Maris	7
Villa Giordmaina	9
Garaxx	11
Garaxx	13
Heaven	15
Ġiżimina	17
Garaxx	19
Sit bla bini	21
Sit bla bini	23
Crystals	25
Santa Maria	27
Busca	29
Villa Birguma	31
Rydal Lodge	33
Ilwien	35
Quatre Filles	37
Dar	39

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Mark

Right side entering from Triq San Mark

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*

Nru. 1215

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61 (1)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, id-Direttur Ġenerali (Dipartiment tat-Taxxi Interni) b'din jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-*Capital Transfer Duty,* 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

Isem *Name*	Numru tal-K.I. *I.D. Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
PSS Holdings Limited	C36359	IV 124087
Mizzi Alexander John	402702L	IV 123773
Libreri David	511878M	IV124086

L-4 ta' Diċembru, 2012

No. 1215

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61 (1)

IN terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfer Act, the Director General (Inland Revenue Department) hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons.

4th December, 2012

Nru. 1216

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1216

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of article 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Ian Bonnici	32587 (G)	"Anvin", Triq Ġużeppi Grech, Xagħra, Għawdex.
